

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubbliki fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

**►B REGOLAMENT (UE) 2017/1369 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-4 ta' Lulju 2017**

**li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1)

Emendat minn:

Ġurnal Uffiċjali

Nru	Paġna	Data
Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25	L 177	ta' Mejju 2020

**►M1** Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 L 177 1 5.6.2020

**▼B**

**REGOLAMENT (UE) 2017/1369 TAL-PARLAMENT EWROPEW  
U TAL-KUNSILL**

**tal-4 ta' Lulju 2017**

**li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar  
id-Direttiva 2010/30/UE**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas li japplika għall-prodotti relatati mal-enerġija (“prodotti”) li jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz. Dan jipprevedi t-tikkettar ta’ dawk il-prodotti u l-provvediment tal-effiċċenza enerġētika tal-prodott, il-konsum tal-enerġija u ta’ riżorsi oħrajn minn prodotti waqt l-użu u informazzjoni supplimentari dwar il-prodotti, biex b'hekk il-klijenti jkunu jistgħu jagħżlu prodotti aktar effiċċienti sabiex inaqqsu l-konsum tagħhom tal-enerġija.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

- prodotti użati, sakemm ma jkunux ġew importati minn pajjiż terz;
- mezzi tat-trasport għal persuni jew merkanzija.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- “prodott relataż mal-enerġija” jew “prodott” tfisser kwalunkwe oġġett jew sistema b'impatt fuq il-konsum tal-enerġija waqt l-użu, li jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, li jinkludi parts b'impatt fuq il-konsum tal-enerġija waqt l-użu li jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz għall-klijenti u li huma maħsuba li jiġu inkorporati fi prodotti;
- “grupp ta' prodotti” tfisser grupp ta' prodotti li jkollhom l-istess funzjonalità ewlenja;
- “sistema” tfisser taħlita ta' diversi oġġetti li meta jitqiegħdu flim-kien iwettqu funzjoni spċċiċka f-lambjent mistenni u li l-effiċċenza enerġētika tagħhom tista' mbagħad tiġi ddeterminata bħala entità unika;
- “mudell” tfisser verżjoni ta' prodott li l-unitajiet tiegħu kollha jkollhom l-istess karatteristiċi tekniċi rilevanti għat-tikketta u l-istess skeda informattiva dwar il-prodott, u li jkollhom ukoll l-istess identifikatur tal-mudell;

**▼B**

- (5) “identifikatur tal-mudell” tfisser il-kodiċi, ġeneralment alfanume-riku, li jiddistingwi mudell speċifiku ta' prodott minn mudelli oħrajin bl-istess trademark jew l-istess isem tal-fornitur;
- (6) “mudell ekwivalenti” tfisser mudell li jkollu l-istess karakteristiċi tekniċi rilevanti għat-tikketta u l-istess skeda informativa dwar il-prodott, iżda li jitqiegħed fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz mill-istess forniturbhala mudell ieħor b'identifikatur differenti tal-mudell;
- (7) “kummerċjalizzazzjoni” tfisser il-provvista ta' prodott għad-distribuzzjoni jew għall-użu fis-suq tal-Unjoni matul attivitā kummerċjali, sew jekk bi flus kif ukoll jekk mingħajr ħlas;
- (8) “tqegħid fis-suq” tfisser l-ewwel darba li l-prodott jitqiegħed fis-suq tal-Unjoni;
- (9) “tqegħid fis-servizz” tfisser l-ewwel użu ta' prodott fis-suq tal-Unjoni, għall-fini maħsub għalih;
- (10) “manifattur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura prodott jew li għandha prodott iddisinjat jew manifatturat, u tirrek-lama dak il-prodott taħt l-isem jew il-marka kummerċjali tagħha;
- (11) “rappreżentat awtorizzat” tfisser persuna fiżika jew ġuridika stabilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mill-manifattur biex taġixxi fisimha fir-rigward ta' kompiti speċifiċi;
- (12) “importatur” tfisser persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed prodott minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
- (13) “negożjant” tfisser bejjiegħ bl-imnut jew persuna fiżika jew ġuridika oħra li tbigħ, tikri, toffri għal bejgħ bin-nifs, jew tqiegħed għall-wiri prodotti għal klijenti jew installaturi matul attivitā kummerċjali, sew jekk bi ħlas u sew jekk le;
- (14) “fornitur” tfisser manifattur stabbilit fl-Unjoni, ir-rappreżendant awtorizzat ta' manifattur li mhuwiex stabbilit fl-Unjoni, jew importatur, li jqiegħed prodott fis-suq tal-Unjoni;
- (15) “bejgħ mill-bogħod” tfisser il-bejgħ, kiri, jew bejgħ bin-nifs bil-posta, minn katalgu, bl-Internet, bit-telebejgħ jew bi kwalunkwe metodu ieħor li permezz tiegħu ma jkunx mistenni li l-klijent potenzjali jkun jista' jara l-prodott espost;
- (16) “klijent” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tixtri, tikri jew tirċievi prodott għall-użu personali tagħha kemm jekk tkun qed taġixxi b'finniet marbutin mas-sengħa, in-negożju, l-artiġjanat jew il-professjoni tagħha kif ukoll jekk le;

**▼B**

- (17) “effiċjenza enerġetika” tfisser il-proporzjon ta’ output tal-prestazzjoni, servizz, prodotti jew enerġija, mal-input ta’ enerġija;
- (18) “standard armonizzat” tfisser standard kif definit fil-punt (c) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>;
- (19) “tikketta” tfisser dijagramma grafika, fforma stampata jew elettronika, li tinkludi skala magħluqa li tuża biss l-ittri minn A sa G, fejn kull ittra tirrappreżenta klassi u kull klassi tikkorrispondi għall-ifrankar tal-enerġija, fseba’ kuluri differenti li jvarjaw bejn aħdar skur u aħmar, sabiex il-klijenti jiġu infurmati dwar l-effiċjenza enerġetika u l-konsum tal-enerġija; din tinkludi t-tikketti riklassifikati u tikketti b'inqas klassijiet u kuluri f'konformità mal-Artikolu 11(10) u (11);
- (20) “riklassifikazzjoni” tfisser eżerċizzju biex isiru aktar stretti r-rekwiżiti għall-kisba tal-klassi tal-effiċjenza enerġetika fuq tikketta għal grupp ta’ prodotti partikolari;
- (21) “tikketta riklassifikata” tfisser tikketta għal grupp ta’ prodotti partikolari li tkun ġiet soġġetta għal riklassifikazzjoni, u li tkun tingħaraf minn tikketti li jkunu għadhom ma’ ġewx riklassifikati, filwaqt li tiġi ppreservata l-koerenza viżiva u perċettibbli tat-tikketti kollha;
- (22) “Skeda informattiva dwar il-prodott” tfisser tabella standard b’informazzjoni relatata ma’ prodott, fforma stampata jew elettronika;
- (23) “dokumentazzjoni teknika” tfisser dokumentazzjoni suffiċjenti biex l-awtoritatijiet tas-sorveljanza tas-suq ikunu jistgħu jivvalutaw il-preċiżjoni tat-tikketta u tal-iskeda informattiva dwar il-prodott b'rabta ma’ prodott, inkluż ir-rapporti tat-testijiet jew evidenza teknika simili;
- (24) “informazzjoni supplimentari” tfisser informazzjoni, kif spċifikata fatt delegat, dwar il-prestazzjoni funzjonali u ambjentali ta’ prodott;
- (25) “bażi tad-data tal-prodotti” tfisser ġabra ta’ data li tikkonċerna prodotti, li tkun irranġata b'mod sistematiku u li tikkonsisti minn parti pubblika orjentata lejn il-konsumaturi, fejn l-informazzjoni rigward il-parametri tal-prodotti individwali tkun aċċessibbli b'mezzi elettroniċi, portal online għall-aċċessibbiltà u parti dwar il-konformità, b'rekwiżiti ta’ aċċessibbiltà u ta’ sigurtà spċifikati b'mod ċar;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

**▼B**

- (26) “tolleranza tal-verifika” tfisser id-devjazzjoni massima permissibbli tar-riżultati tal-kejl u l-kalkolu tat-testijiet ta’ verifika mwettqa minn, jew fisem, l-awtoritajiet ta’ sorveljanza tas-suq, meta mqabbla mal-valuri tal-parametri ddikjarati jew ippubblikati, li tirrifletti d-devjazzjoni li tirriżulta minn varjazzjoni interlaboratorja.

*Artikolu 3***Obbligi ġenerali tal-fornituri**

- Il-fornitur għandu jiġura li l-prodotti li jitqiegħdu fis-suq jiġu akkumpanjati, għal kull unità individwali, mingħajr ħlas, b'tikketti stam-pati preċiżi u bi skedi informativi dwar il-prodott fkonformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati rilevanti.

Bħala alternattiva għall-forniment mal-prodott tal-iskeda informativa dwar il-prodott ikunu ddaħħlu fil-bażi tad-data tal-prodotti, l-atti delegati msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 16(3) jistgħu jipprevedu li jkun bieżżejjed li l-fornitur idaħħal il-parametri ta’ din l-iskeda informativa dwar il-prodott fil-bażi tad-data tal-prodotti. F'dan il-każ, il-fornitur għandu jiprovd i-iskeda informativa dwar il-prodott fforma stampata lin-negożjant, fuq talba.

L-atti delegati jistgħu jipprevedu li t-tikketta tiġi stampata fuq l-imballaġġ tal-prodott.

2. Il-fornitur għandu jqassam it-tikketti stampati, inkluż it-tikketti riklassifikati fkonformità mal-Artikolu 11(13), u l-iskedi informativi dwar il-prodott, lin-negożjant, mingħajr ħlas, minnufih u fkwalunkwe każi fi żmien ġamest ijiem ta’ ħidma fuq talba min-negożjant.

3. Il-fornitur għandu jiġura li t-tikketti u l-iskedi informativi dwar il-prodott li jipprovd jkunu preċiżi, u għandu jipproduċi dokumentazzjoni teknika suffiċċenti biex tkun tista' tiġi vvalutata l-preċiżjoni.

4. Ladarba unità ta' mudell tkun fis-servizz, il-fornitur għandu jitlob il-kunsens espliċitu tal-kljent rigward kwalunkwe bidla maħsuba li tiġi introdotta lill-unità permezz ta’ aġġornamenti li jistgħu jkunu ta’ detriment għall-parametri tat-tikketta dwar l-effiċjenza enerġētika għal dik l-unità, kif stabilit ma fl-att delegat rilevanti. Il-fornitur għandu jgħarraf lill-kljent dwar l-objettiv tal-aġġornament u tal-bidliet fil-parametri, inkluż dwar kwalunkwe bidla fil-klassi tat-tikketta. Għal perijodu proporzjonat skont il-medja tat-tul tal-ħajja tal-prodott, il-fornitur għandu jagħti l-għażla lill-kljent li jirrifjuta l-aġġornament mingħajr telf ta' funzjonalità li seta' jiġi evitat.

5. Il-fornitur ma għandux iqiegħed fis-suq prodotti li ġew iddisinjati b'tali mod li l-prestazzjoni ta' mudell tinbidel awtomatikament f-kondizzjoni jiet ta’ ttestjar bl-objettiv li jintlaħaq livell aktar favorevoli għal kwalunkwe wieħed mill-parametri spċċifikati fl-att delegat rilevanti jew inkluż fi kwalunkwe dokument ipprovdut mal-prodott.

**▼B***Artikolu 4***Obbligi ta' fornitori fir-rigward tal-bażi tad-data tal-prodotti**

1. Mill-1 ta' Jannar 2019, il-fornitur għandu, qabel ma jiqiegħdu fis-suq unità ta' mudell ġdid kopert b'att delegat, idaħħal fil-parti pubblika u fil-parti li tirrigwarda l-konformità tal-bażi tad-data tal-prodotti l-informazzjoni għal dak il-mudell, kif stipulat fl-Anness I.

2. Meta l-unitajiet ta' mudelli koperti b'att delegat jitqiegħdu fis-suq bejn l-1 ta' Awwissu 2017 u l-1 ta' Jannar 2019, il-fornitur għandu, sat-30 ta' Ġunju 2019, idaħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti l-informazzjoni stipulata fl-Anness I fir-rigward ta' dawk il-mudelli.

Sakemm id-data tiddaħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti, il-fornitur għandu jagħmel disponibbli verżjoni elettronika tad-dokumentazzjoni teknika għal spezzjoni, fi żmien 10 ijiem minn meta jirċievi talba mingħand l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jew il-Kummissjoni.

3. Il-fornitur jista' idaħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti, l-informazzjoni għall-mudelli, kif stipulat fl-Anness I, li l-unitajiet tagħhom kienu tqiegħdu eskużiżiament fis-suq qabel l-1 ta' Awwissu 2017.

4. Prodott li ssirlu kwalunkwe bidla li tkun rilevanti għat-tikketta jew l-iskeda informativa dwar il-prodott għandu jitqies bħala mudell ġdid. Il-fornituri għandhom jindikaw fil-bażi tad-data meta ma jibqgħux iqiegħdu fis-suq l-unitajiet ta' mudell.

5. L-obbligi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx jaapplikaw għall-imballaġġ tal-ħiters kif imsemmi fir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) Nru 811/2013<sup>(1)</sup>, (UE) Nru 812/2013<sup>(2)</sup> u (UE) 2015/1187<sup>(3)</sup>, fejn il-provvista ta' tikketti għal dak l-imballaġġ taqa' eskużiżiament taħt ir-responsabbiltà tan-negozjant.

6. Wara li l-aħħar unità ta' mudell tkun tqiegħdet fis-suq, il-fornitur għandu jżomm l-informazzjoni dwar dak il-mudell fil-bażi tad-data fil-parti dwar il-konformità tal-bażi tad-data tal-prodott għal perijodu ta' 15-il sena. Fejn adatt b'rabta mal-medja tat-tul tal-ħajja tal-prodott, jista' jiġi previst perijodu iqsar ta' żamma tad-data skont il-punt (q) tal-Artikolu 16(3). L-informazzjoni fil-parti pubblika tal-bażi tad-data m'għandhiex titħassar.

<sup>(1)</sup> Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 811/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jiissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-post, ħiters ikkombinati, pakket magħmulin minn ħiter tal-post, regolatur tat-temperatura u apparat solari u pakket magħmulin minn ħiter ikkombinat, regolatur tat-temperatura u apparat solari (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 812/2013 tat-18 ta' Frar 2013 li jiissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tikkettar enerġetiku ta' ħiters tal-ilma, tankijiet tal-misħun u pakket magħmulin minn ħiter tal-ilma u minn apparat solari (ĠU L 239, 6.9.2013, p. 83).

<sup>(3)</sup> Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1187 tas-27 ta' April 2015 li jiissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar tal-enerġija tal-bojlers tal-fjuwil solidu u pakket ta' bojler tal-fjuwil solidu, ħiters supplimenti, regolaturi tat-temperatura u apparat solari (ĠU L 193, 21.7.2015, p. 43).

**▼B***Artikolu 5***Obbligi tan-negozjanti**

1. In-negozjant għandu:

- (a) jesponu, b'mod viżibbli, inkluż fkaż ta' bejgħ mill-bogħod online, it-tikketta pprovdu mill-fornitur jew li tkun saret disponibbli fkonformità mal-paragrafu 2 għall-unitajiet ta' mudell kopert bl-att delegat rilevanti; u
- (b) iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-klijenti l-iskeda informativa dwar il-prodott, fuq talba, inkluż fforma fiżika fil-post tal-bejgħ;

2. Meta, minkejja l-Artikolu 3(1), in-negozjant ma jkollux tikketta, huwa għandu jitlobha mingħand il-fornitur fkonformità mal-Artikolu 3(2).

3. Meta, minkejja l-Artikolu 3(1), in-negozjant ma jkollux skeda informativa dwar il-prodott, huwa għandujitlobha mingħand il-fornitur fkonformità mal-Artikolu 3(2); jew, jekk jagħżel li jagħmel dan, jistampa-ħa jew iniżżejha biex jesponiha fforma elettronika mill-bażi tad-data tal-prodotti, jekk dawk il-funzjonijiet ikunu disponibbli għall-prodott rilevanti.

*Artikolu 6***Obbligi oħrajn tal-fornituri u n-negozjanti**

Il-fornituri u n-negozjant:

- (a) għandhom jaġħmlu referenza għall-klassi tal-effiċjenza enerġetika tal-prodott u l-fornituri tal-klassijiet tal-effiċjenza enerġetika disponibbli fuq it-tikketta frekklami viżivi jew materjal promozzjonali tekniķi għal mudell speċifiku fkonformità mal-att delegat rilevanti;
- (b) għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jieħdu azzjoni immedjata biex jirrimedjaw kwalunkwe każ ta' nonkonformità mar-rekwiżiti stabiliti fdan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti, li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom, fuq inizjattiva tagħhom stess jew meta jintalbu biex jaġħmlu dan mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq;
- (c) għal prodotti koperti b'atti delegati, m'għandhomx jipprovdju jew jesponu tikketti, marki, simboli jew skrizzjonijiet oħrajn li mhumiex konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti, jekk meta jaġħmlu dan aktarx ikunu qed iqarrqu jew iħawwdi lill-klijenti fir-rigward tal-konsum tal-enerġija jew riżorsi oħrajn użati waqt l-użu;
- (d) għall-prodotti li mhumiex koperti b'atti delegati, m'għandhomx jipprovdju jew juru tikketti li jixbhu t-tikketti previsti f'dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti;
- (e) għal prodotti mhux relatati mal-enerġija, m'għandhomx jipprovdju jew juru tikketti li jixbhu t-tikketti previsti f'dan ir-Regolament jew fatti delegati.

**▼B**

Il-punt (d) fl-ewwel subparagraphu m'għandux jaffettwa t-tikketti previsti fil-liġi nazzjonali, sakemm dawk it-tiketti ma jkunux previsti fatti delegati adottati.

*Artikolu 7***Obbligi tal-Istati Membri**

1. L-Istati Membri m'għandhomx jimpedixxu t-tqegħid fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz, fit-territorji tagħhom, ta' prodotti li huma konformi ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti.

2. Meta l-Istati Membri jipprovdū inċentivi għal prodott speċifikat fatt delegat, dawk l-inċentivi għandhom iżommu fil-mira l-ogħla żewġ klassijiet ta' effiċjenza enerġētika popolati b'mod sinifikanti, jew klassijiet ogħla kif stabbilit f'dak l-att delegat.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-introduzzjoni tat-tikketti u r-riklassifikazzjoni tat-tikketti ssir flimkien ma' kampanji ta' informazzjoni edukattivi u promozzjonali dwar it-tikkettar tal-enerġija, jekk xieraq fkooperazzjoni mal-fornituri u n-negożjanti. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar praktiki fir-rigward ta' dawk il-kampanji, inkluż permezz tar-rakkomandazzjoni tal-messaġġi ewlenin komuni.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni u l-mekkaniżmi ta' infurzar applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u l-atti delegati, u għandhom jieħdu l-miżuri necessary kollha biex jiżguraw li dawn jiġu implettati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjoni u dissważivi. Ir-regoli li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2010/30/UE għandhom jitqiesu li jisso-disfaw ir-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu fir-rigward tal-pieni.

L-Istati Membri għandhom sal-1 ta' Awwissu 2017, jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-regoli msemmija fl-ewwel subparagraphu li ma kinu notifikati qabel lill-Kummissjoni, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda suċċessiva li taffettwahom.

*Artikolu 8***Sorveljanza tas-suq tal-Unjoni u kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni**

1. L-Artikoli 16 sa 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandhom japplikaw għal prodotti koperti b'dan ir-Regolament u bl-atti delegati rilevanti.

2. Il-Kummissjoni għandha tinkoraġġixxi u tappoġġa l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni dwar is-sorveljanza tas-suq relatata mat-tikkettar tal-enerġija ta' prodotti bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li jkunu responsabbi mis-sorveljanza tas-suq jew inkārigati mill-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u bejniethom u l-Kummissjoni, fost l-oħrajn b'involviment aktar mill-qrib l-AdCos dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija.

**▼B**

Tali skambji ta' informazzjoni għandhom isiru wkoll meta r-riżultati tat-testijiet jindikaw li l-prodott huwa konformi ma' dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti.

3. Il-programmi ġenerali tas-sorveljanza tas-suq jew il-programmi speċifiċi għas-settur tal-Istati Membri stabbiliti skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandhom jinkludu azzjonijiet biex jiġi żgurat l-infurzar effettiv ta' dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni għandha, fkooperazzjoni mal-AdCos dwar l-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija, tfassal linji gwida għall-infurzar ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-aħjar prattiki għall-ittestjar ta' prodotti u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq u l-Kummissjoni.

5. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandu jkollhom id-dritt li jirkupraw mill-fornituri l-ispejjeż tal-ispezzjoni tad-dokumenti u l-ittestjar fiżiku fuq il-prodotti fil-każ ta' nonkonformità ma' dan ir-Regolament jew l-atti delegati rilevanti.

*Artikolu 9***Proċedura fil-livell nazzjonali għat-trattament ta' prodotti li jippreżentaw riskju**

1. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikollhom raġuni suffiċjenti biex jemmu li prodott kopert b' dan ir-Regolament ikun ta' riskju għall-aspetti tal-ħarsien tal-interess pubbliku koperti b'dan ir-Regolament, bħal aspetti tal-protezzjoni ambjentali u tal-konsumatur, huma għandhom jagħmlu evalwazzjoni relatata mal-prodott ikkonċernat li tkun tkopri r-rekwiżiti kollha tat-tikkettar tal-energijsa rilevanti għar-riskju u stipulati f'dan ir-Regolament jew fl-att delegat rilevanti. Il-fornituri u n-negozjanti għandhom jikkoperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għall-finni ta' dik l-evalwazzjoni.

2. Meta, matul l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament jew fl-att delegat rilevanti, huma għandhom mingħajr dewmien jitkolli lill-fornit, jew fejn xieraq, lin-negozjant, biex jieħu l-azzjonijiet korrettivi adatti kollha biex il-prodott isir konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, fejn xieraq jirti raw il-prodott mis-suq, jew, fejn xieraq, jsejhuh lura fperijodu raġonevoli ta' żmien, li jikkorrispondi man-natura tar-riskju kif jista' jkun preskritt minnhom.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-miżuri msemmija f'dan il-paragrafu.

3. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jikkunsidraw li każ ta' nonkonformità kif imsemmi fil-paragrafu 2 mhux ristrett għat-territorju nazzjonali tagħhom, huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-riżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjoni li huma jkunu talbu lill-fornit jew lin-negozjant biex jieħu.

4. Il-fornit jew, fejn xieraq, in-negozjant għandu jiżgura li tittieħdet kull azzjoni korrettiva jew restrittiva adatta fkonformità mal-paragrafu 2 fir-rigward tal-prodotti kkonċernati kollha li huwa jkun qiegħed għad-dispożizzjoni fis-suq madwar l-Unjoni.

**▼B**

5. Meta l-fornitur jew, fejn xieraq, in-negojzant ma jiħux l-azzjoni korrettiva adegwata fil-perijodu msemmi fil-paragrafu 2, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri proviżorji adatti kollha biex jipprobixxu jew jirrestrinġu d-disponibbiltà tal-prodott fis-suq nazzjonali tagħhom, jirtiraw il-prodott minn dak is-suq jew isejħuh lura.

6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn mingħajr dewmien b'il-miżuri meħuda skont il-paragrafu 5. Dik l-informazzjoni għandha tink-ludi d-dettalji kollha disponibbli, b' mod partikolari:

- (a) id-data neċċesarja għall-identifikazzjoni tal-prodott nonkonformi;
- (b) l-oriġini tal-prodott;
- (c) in-natura tan-nonkonformità allegata u r-riskju involut;
- (d) in-natura u d-durata tal-miżuri nazzjonali li jkunu ttieħdu u l-argumenti mressqa mill-fornitur, jew, fejn xieraq, in-negojzant.

B'mod partikolari, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw jekk in-nonkonformità hix ġejja min-nuqqas tal-prodott li jilħaq ir-rekwiżiċċi relatati mal-aspetti tal-ħarsien tal-interess pubbliku stabbiliti f'dan ir-Regolament jew minħabba nuqqasijiet fl-istandard armonizzati msemmija fl-Artikolu 13 li jagħtu preżunzjoni ta' konformità.

7. L-Istati Membri għajr l-Istat Membru li jibda l-proċedura għandhom mingħajr dewmien jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bi kwalunkwe miżura adottata u bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonal għad-dispożizzjoni tagħhom relatata man-nonkonformità tal-prodott ikkonċernat, u, fkaż li jkun hemm nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali notifikata, tal-ogħżejjonijiet tagħhom.

8. Meta, fi żmien 60 jum mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, ma tkun saret ebda ogħżejjonijiet minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni dwar miżura proviżorja meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies bħala ġustifikata.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri restrittivi xierqa, bħall-irtirar tal-prodott mis-suq tagħhom, fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, mingħajr dewmien.

*Artikolu 10***Proċedura ta' salvagħwardja tal-Unjoni**

1. Meta, kif titlesta l-proċedura stabbilita fl-Artikoli 9(4) u (5), jitqajmu ogħżejjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew meta l-Kummissjoni tikkunsidra li miżura nazzjonali tmur kontra l-liġi tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien, tikkonsulta lill-Istati Membri u lill-fornitur jew, fejn xieraq, lin-negojzant, u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali.

**▼B**

Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċċiedi permezz ta' att ta' implantazzjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali hix ġustifikata jew le u tista' tissuġġerixxi miżura alternattiva adatta. Dak l-att ta' implantazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

2. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha immedjatament tikkomunikaha lilhom u lill-fornitur jew lin-negozjant ikkonċernat.

3. Jekk il-miżura nazzjonali titqies bħala ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri neċċessarji biex jiżguraw li l-prodott nonkonformi jiġi irtirat mis-suq tagħhom, u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni kif adatt. Jekk il-miżura nazzjonali titqies bħala mhux ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira l-miżura.

4. Meta l-miżura nazzjonali titqies bħala ġustifikata u n-nonkonformità tal-prodott tkun attribwita għan-nuqqasijiet fl-istandard armonizzati msemmija fl-Artikolu 9(6) ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

5. Il-miżuri korrettivi jew restrittivi skont l-Artikolu 9(2), (4), (5) jew (9), jew l-Artikolu 10(3) għandhom jiġu estiżi għall-unitajiet kollha ta' mudell nonkonformi u l-mudelli ekwivalenti tiegħi, ġilieg dawk l-unitajiet li għalihom il-fornitur juri li huma konformi.

*Artikolu 11***Proċedura għall-introduzzjoni u r-riklassifikazzjoni tat-tikketti**

1. Fir-rigward tal-gruppi ta' prodotti msemmija fil-paragrafi 4 u 5, il-Kummissjoni għandha tirriklassifika t-tikketti li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2017 soġġett għall-paragrafi 4 u 5 u l-paragrafi 8 sa 12.

B'deroga mir-rekwiżit li jinkiseb iffrankar sinifikanti tal-enerġija u tal-ispejjeż stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 16(3), fejn ir-riklassifikazzjoni ma tistax tikseb tali ffrankar, hija għandha tiżgura tal-inqas skala omoġena A sa G.

2. Fejn ma teżistix tikketta għal grupp ta' prodotti fl-1 ta' Awwissu 2017, il-Kummissjoni tista', soġġett għall-paragrafi 8 sa 12, tintroduċi tikketti.

3. Il-Kummissjoni tista' terġa' tirriklassifika t-tikketti li ġew riklassifikati f'konformità mal-paragrafu 1 jew introdotti f'konformità mal-paragrafu 2 fejn ikunu ntlaħqu l-kondizzjonijiet taħbi il-punti (a) jew (b) tal-paragrafu 6, u soġġett għall-paragrafi 8 sa 12.

4. Sabiex tiġi żgurata skala omoġena A sa G, il-Kummissjoni għandha tadotta, sat-2 ta' Awwissu 2023, atti delegati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi tikketti riklassifikati A sa G għal gruppi ta' prodotti koperti bl-atti delegati adottati skont id-Direttiva 2010/30/UE, bil-ġhan li t-tikketta riklassifikata tintwera kemm fil-ħwienet kif ukoll online, 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament.

**▼B**

Meta tiddetermina l-ordni tal-gruppi ta' prodotti li għandhom jiġu riklasifikati, il-Kummissjoni għandha tqis il-proporzjon ta' prodotti fl-ogħla klassijiet.

5. B'deroga mill-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha:

- (a) tippreżenta analiżi għall-gruppi ta' prodotti koperti mir-Regolamenti ta' Delega (UE) Nru 811/2013, (UE) Nru 812/2013 u (UE) 2015/1187 sat-2 ta' Awwissu 2025 bil-ħsieb li tirriklassifikahom, u, fejn xieraq, għandha, sat-2 ta' Awwissu 2026, tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi tikketti riklassifikati A sa G.

Fi kwalunkwe każ, l-atti delegati li jintroduċu tikketti riklassifikati A sa G għandhom jiġu adottati sa mhux aktar tard mit-2 ta' Awwissu 2030.

- (b) tadotta, sat-2 ta' Novembru 2018, atti delegati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tintroduċi tikketti riklassifikati A sa G għall-gruppi ta' prodotti koperti mir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010 <sup>(1)</sup>, (UE) Nru 1060/2010 <sup>(2)</sup>, (UE) Nru 1061/2010 <sup>(3)</sup>, (UE) Nru 1062/2010 <sup>(4)</sup> u (UE) Nru 874/2012 <sup>(5)</sup> u d-Direttiva 96/60/KE, bil-għan li t-tikketta riklassifikata tkun esposta kemm fil-ħwienet kif ukoll online, 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

6. Fir-rigward tal-prodotti li għalihom il-Kummissjoni tista' terġa' tirriklassifika t-tikketti fkonformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina t-tikketta bil-ħsieb li tirriklassifikaha jekk tqis li:

- (a) 30 % tal-unitajiet tal-mudelli li jappartjenu għal grupp ta' prodotti li jinbiegħ fis-suq tal-Unjoni jaqgħu taħt l-ogħla klassi tal-effiċjenza enerġetika A u jista' jkun mistenni aktar żvilupp teknoloġiku; jew
- (b) 50 % tal-unitajiet tal-mudelli li jappartjenu għal grupp ta' prodotti li jinbiegħ fis-suq tal-Unjoni jaqgħu taħt l-ogħla żewġ klassijiet tal-effiċjenza enerġetika A u B u jista' jkun mistenni aktar żvilupp teknoloġiku.

7. Il-Kummissjoni għandha tagħmel studju analitiku jekk tkun qieset li ntahqu l-kondizzjonijiet tal-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 6.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1059/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikketti li jindikaw il-konsum tal-enerġija tal-magni domestiċi tal-ħasil tal-platti (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 1).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1060/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' tikkettar tal-enerġija tat-tagħmir refriġeranti domestiċi (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 17).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1061/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 47).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1062/2010 tat-28 ta' Settembru 2010 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku għat-televixins (ĠU L 314, 30.11.2010, p. 64).

<sup>(5)</sup> Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 874/2012 tat-12 ta' Lulju 2012 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tat-tikkettar enerġetiku tal-bozoz tal-elettriċċu u l-unitajiet tat-tidwil (ĠU L 258, 26.9.2012, p. 1).

**▼B**

Jekk, għal grupp speċifiku ta' prodotti, dawk il-kondizzjonijiet ma jiġux sodisfatti fi żmien tmien snin wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat rilevanti, il-Kummissjoni għandha tidentifika liema ostakli, jekk ikun hemm, żammew it-tikketta lura milli taqdi r-rwol tagħha.

Fil-każ ta' tikketti ġodda hija għandha tagħmel studju preparatorju bbażat fuq il-lista indikattiva ta' gruppi ta' prodotti stabbiliti fil-pjan ta' ħidma.

Il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-istudju analitiku tagħha, tippreż-żenta r-riżultati u, fejn xieraq, abbozz ta' att delegat lill-Forum Konsultattiv fi żmien 36 xahar minn meta l-Kummissjoni tkun stmat li jkunu ġew sodisfatti l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 6. Il-Forum Konsultattiv għandu jiddiskuti l-istima u l-istudju analitiku.

8. Meta tikketta tiġi introdotta jew riklassifikata, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ebda prodott ma jkun mistenni li jaqa' fil-klassi tal-effiċċjenza enerġetika A fil-mument tal-introduzzjoni tat-tikketta u li ż-żmien meqjus li matulu l-maġġoranza tal-mudelli jaqgħu f'dik il-klassi ikun tal-anqas 10 snin wara.

9. B'deroga mill-paragrafu 8, fejn it-teknoloġija tkun mistennija tiżvi-luppa aktar malajr, ir-rekwiżiti għandhom jiġi stabbiliti b'tali mod li l-ebda prodott ma jkun mistenni li jaqa' fil-klassijiet tal-effiċċjenza enerġetika A u B fil-mument tal-introduzzjoni tat-tikketta.

10. Fejn, f'każ ta' grupp ta' prodotti partikolari, ma jibqax permess li jitqiegħdu fis-suq jew li jitqiegħdu fis-servizz mudelli fil-klassi tal-effiċċjenza enerġetika E, F jew G minħabba miżura ta' implimentazzjoni tal-Ekodisinn adottata skont id-Direttiva 2009/125/KE, il-klassi jew klassijiet inkwistjoni għandhom jintwerew bil-griż fuq it-tikketta kif speċifikat fl-att delegat rilevanti. It-tikketta bil-klassijiet griżi għandha tapplika biss għall-unitajiet ta' prodotti ġodda li jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz.

11. Fejn, għal raġunijiet tekniċi, ikun impossibbli li jiġu definiti seba' klassijiet tal-effiċċjenza enerġetika li jikkorrispondu għal iffrankar sinifikanti ta' enerġija u spejjeż mill-perspettiva tal-klijent, it-tikketta, permezz ta' deroga mill-punt 14 tal-Artikolu 2, jista' jkun fiha inqas klassijiet. F'każijiet bħal dawn, l-ispettru aħdar skur sal-aħmar tat-tikketta għandu jinżamm.

12. Il-Kummissjoni għandha teżerċita s-setgħat u l-obbligi mogħtija lilha b'dan l-Artikolu fkonformità mal-Artikolu 16.

13. Meta, skont il-paragrafu 1 jew 3, tiġi riklassifikata tikketta:

(a) il-fornitur għandu, meta jqiegħed prodott fis-suq, jipprovd i kemm it-tikketti eżistenti kif ukoll dawk riklassifikati u l-iskedi informativi dwar il-prodott lin-negozjant għal perijodu li jibda erba' xħur qabel id-data speċifikata fl-att delegat rilevanti biex tibda tintwera t-tikketta riklassifikata.

**▼B**

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt, jekk it-tikketta eżistenti u dik riklassifikata jeħtieġu ttestjar differenti tal-mudell, il-fornitur jista' jagħżel li ma jfornix it-tikketta eżistenti mal-unitajiet tal-mudelli li tqiegħdu fis-suq jew li tqiegħdu fis-servizz matul il-perijodu ta' erba' xhur qabel id-data spċifikata fl-att delegat rilevanti biex tibda tīgi esposta t-tikketta riklassifikata, jekk l-ebda unità tal-istess mudell jew il-mudelli ekwivalenti ma tqiegħdet fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz qabel il-bidu tal-perijodu ta' erba' xhur. F'dak il-każ, in-negożjant m'għandux joffri dawk l-unitajiet għall-bejġħ qabel dik id-data. Il-fornitur għandu jinnotifika lin-negożjant ikkonċernat b'din il-konseguenza mill-aktar fis possibbli, inkluż meta jinkludi tali unitajiet fl-offerti tiegħu lin-negożjanti.

- (b) il-fornitur għandu, għall-prodotti li jitqiegħdu fis-suq jew li tqiegħdu fis-servizz qabel il-perijodu ta' erba' xhur, iqassam it-tikketta riklassifikata fuq talba min-negożjant f'konformità mal-Artikolu 3(2) mill-bidu ta' dak il-perijodu. Għal tali prodotti, in-negożjant għandu jikseb tikketta riklassifikata f'konformità mal-Artikolu 5(2).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt:

- (i) negożjant li ma jistax jikseb tikketta riklassifikata f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt għall-unitajiet li digħi jinsabu fl-istokk tagħhom, għaliex il-fornitur ikun waqqaf l-attivitàajiet tiegħu, għandu jkun jista' jbiegħ dawk l-unitajiet esklużivament bit-tikketta mhux riklassifikata sa disa' xhur wara d-data spċifikata fl-att delegat rilevanti biex tibda tint-wera t-tikketta riklassifikata; jew
- (ii) jekk it-tikketta mhux riklassifikata u dik riklassifikata jeħtieġu ttestjar differenti tal-mudell, il-fornitur huwa eżentat mill-obbligu li jforni tikketta riklassifikata għall-unitajiet li tqiegħdu fis-suq jew li tqiegħdu fis-servizz qabel il-perijodu ta' erba' xhur, jekk l-ebda unità tal-istess mudell jew mudelli ekwivalenti ma tqiegħdet fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz wara l-bidu tal-perijodu ta' erba' xhur. F'dak il-każ, in-negożjant għandu jkun jista' jbiegħ dawk l-unitajiet esklużivament bit-tikketta mhux riklassifikata sa disa' xhur wara d-data spċifikata fl-att delegat rilevanti biex tibda tīgi esposta t-tikketta riklassifikata.
- (c) in-negożjant għandu jissostitwixxi t-tikketti eżistenti fuq il-prodotti esposti, kemm fil-ħwienet kif ukoll online, bit-tikketti riklassifikati fi żmien 14-il jum ta' ħidma wara d-data spċifikata fl-att delegat rilevanti biex tibda tīgi esposta t-tikketta riklassifikata. In-negożjant m'għandux jesponi t-tikketti riklassifikati qabel dik id-data.

B'deroga mill-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu, l-atti delegati msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 16(3) jistgħu jipprevedu regoli spċifici għażi tikkettiekk tal-enerġja stampati fuq l-imballagġġ.

**▼B***Artikolu 12***Il-bażi tad-data tal-prodotti**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm bażi tad-data tal-prodotti li tikkonsisti minn parti pubblika, parti ta' konformità u portal online li jagħti aċċess għal dawk iż-żewġ partijiet.

Il-bażi tad-data tal-prodotti ma għandhiex tissostitwixxi u lanqas tibdel ir-responsabbiltajiet tal-awtoritatijiet tas-sorveljanza tas-suq.

2. Il-bażi tad-data tal-prodotti għandu jkollha l-għanijiet li ġejjin:

**▼M1**

(a) li tappoġġa lill-awtoritatijiet tas-sorveljanza tas-suq fit-twettiq tal-kompieti tagħhom taħt dan ir-Regolament u l-atti delegati rilevanti, inkluż l-infurzar tagħhom, u taħt ir-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>;

**▼B**

(b) li tipprovd i lill-pubbliku b'informazzjoni dwar prodotti mqiegħda fis-suq u t-tikketti tal-enerġija tagħhom, u l-iskedi informativi dwar il-prodott;

(c) li tipprovd informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni dwar l-effiċjenza enerġetika għal prodotti għall-analiżi tat-tikketti tal-effiċjenza enerġetika;

3. Il-parti pubblika tal-bażi tad-data u l-portal online għandu jkun fihom l-informazzjoni stabbilita fil-punti 1 u 2 tal-Anness I rispettivamente, li għandha tkun disponibbi għall-pubbliku. Il-parti pubblika tal-bażi tad-data għandha tissodisa l-kriterji fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, u l-kriterji funzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness I.

4. Il-parti tal-konformità tal-bażi tad-data tal-prodotti għandha tkun aċċessibbli biss għall-awtoritatijiet ta' sorveljanza tas-suq u lill-Kummissjoni u għandu jkun fiha l-informazzjoni stabbilita fil-punt 3 tal-Anness I, inkluż il-partijiet speċifiċi mid-dokumentazzjoni teknika kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Il-parti tal-konformità għandha tissodisa l-kriterji fil-paragrafi 7 u 8 ta' dan l-Artikolu, u l-kriterji funzjonali stabbiliti fil-punt 4 tal-Anness I.

5. Il-partijiet speċifiċi obbligatorji tad-dokumentazzjoni teknika li l-fornitur għandu idaħħal fil-bażi tad-data għandhom ikopru biss:

(a) deskrizzjoni ġenerali tal-mudell, li tkun biżżejjed biex jiġi identifikat b'mod inekwivoku u faċli;

(b) referenzi għall-istandard armonizzati applikati jew standards ta' kejl oħrajn li jintużaw;

(c) il-prekawzjonijiet speċifiċi li għandhom jittieħdu meta l-mudell jiġi armat, installat, issirru manutenzjoni jew jiġi ttestjat;

(d) il-parametri tekniċi mkejla tal-mudell;

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/740 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar it-tikkettar tat-tajers fir-rigward tal-effiċjenza tal-fjuwil u parametri oħra, li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1369 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1222/2009 (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 1).

**▼B**

- (e) il-kalkoli li saru bil-parametri mkejla;
- (f) kondizzjonijiet ta' ttestjar jekk ma jkunux deskritti biżżejjed fil-punt (b).

Barra minn hekk, il-fornitur jista' jtella' fil-bażi tad-data partijiet addizzjonali tad-dokumentazzjoni teknika fuq bażi volontarja.

6. Meta data minbarra dik speċifikata fil-paragrafu 5 jew li ma tkunx disponibbli fil-parti pubblika tal-bażi tad-data ssir neċċessarja biex l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u/jew il-Kummissjoni jwettqu l-kompliti tagħhom skont dan ir-Regolament, huma għandhom ikunu jistgħu jiksbuha mill-fornitur fuq talba.

7. Il-bażi tad-data tal-prodotti għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

- (a) it-naqqis kemm jista' jkun tal-piż amministrattiv għall-fornitur u utenti l-oħra tal-bażi tad-data;
- (b) il-faċilità tal-użu u l-kosteffettività; u
- (c) l-evitar awtomatiku tar-reġistrazzjoni doppja.

8. Il-parti tal-konformità tal-bażi tad-data għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

- (a) il-protezzjoni mill-użu mhux maħsub u s-salvagwardja tal-informazzjoni kufidenzjali permezz ta' arranġamenti stretti ta' sigurtà;
- (b) id-drittijiet ta' aċċess abbażi tal-prinċipju tal-ħtieġa ta' tagħrif;
- (c) l-ipproċessar tad-data personali f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Direttiva 95/46/KE, kif applikabbi;
- (d) il-limitazzjoni tal-ambitu tal-aċċess għad-data biex jiġi evitat li jiġu kkupjati settijiet akbar ta' data;
- (e) it-traċċabbiltà tal-aċċess għad-data għall-fornitur fir-rigward tad-dokumentazzjoni teknika tagħha.

9. Id-data fil-parti tal-konformità tal-bażi tad-data għandha tiġi ttrat-ta f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443<sup>(1)</sup>. B'mod partikolari, għandhom japplikaw l-arranġamenti speċifiċi tas-sigurtà ċibernetika tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46<sup>(2)</sup> u r-regoli ta' implementazzjoni tagħha. Il-livell ta' kufidenzjalità għandu jirrifletti d-dannu konsegwenzjali li jirriżulta mill-iżvelar tad-data lil persuni mhux awtorizzati.

10. Il-fornitur għandu jkollu aċċess u drittijiet ta' editjar għall-informazzjoni li jkun daħħal fil-bażi tad-data tal-prodotti skont l-Artikolu 4(1) u (2). Għandu jinżamm rekord tal-bidliet għall-fimijiet tas-sorveljanza tas-suq, u jinżammu d-dati ta' kwalunkwe editjar.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/443 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar is-Sigurtà fil-Kummissjoni (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 41).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40).

**▼B**

11. Il-klijenti li jużaw il-parti pubblika tal-bażi tad-data tal-prodotti għandhom ikunu jistgħu jidtegħ fuq-faċilment l-aqwa klassi tal-effiċjenza enerġētika popolata għal kull grupp ta' prodotti, li jippermettilhom iqabblu l-karatteristiċi tal-mudell u jagħżlu l-aktar prodotti effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

12. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tispeċifika, permezz ta' atti ta' implantazzjoni, id-dettalji operazzjonali tal-bażi tad-data tal-prodotti. Wara konsultazzjoni mal-Forum Konsultattiv previst fl-Artikolu 14, dawk l-atti ta' implantazzjoni għandhom jiġu adottati fkonformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2).

*Artikolu 13***Standards armonizzati**

1. Wara l-adozzjoni ta' att delegat skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament li jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għat-tikkettar il-Kummissjoni għandha, fkonformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, tippubblika referenzi għall-istandard armonizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kejl u ta' kalkolu rilevanti tal-att delegat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Meta jiġu applikati dawn l-istandardi armonizzati waqt il-valutazzjoni tal-konformità ta' prodott, il-mudell għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti ta' kejl u ta' kalkolu rilevanti tal-att delegat.

3. L-istandardi armonizzati għandu jkollhom l-għan li jissimulaw l-użu reali kemm jista' jkun filwaqt li jinżamm metodu standard ta' ttestjar. Il-metodi ta' ttestjar għandhom barra minn hekk jieħdu kont tal-ispejjeż assoċjati għall-industrija u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

4. Il-metodi ta' kejl u ta' kalkolu inklużi fl-istandardi armonizzati għandhom ikunu affidabbi, preċiżi u riproduċċibili, u allinjati mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(4) u (5).

*Artikolu 14***Forum ta' Konsultazzjoni**

(1) Fit-twettiq tal-attivitàajiet tagħha skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiżgura fir-rigward ta' kull att delegat adottat skont l-Artikolu 16 u kull att ta' implantazzjoni adottat skont l-Artikolu 12(12) ta' dan ir-Regolament, parteċipazzjoni bbilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-partijiet interessati ikkonċernati mill-grupp tal-prodotti inkwistjoni, bħall-industrija, inkluż l-SMEs u l-industrija tal-artiġjanat, it-trade unions, in-negozjanti, il-bejjiegħa bl-imnut, l-importaturi, il-gruppi tal-ħarsien ambjentali u l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi Forum Konsultattiv li fih għandhom jiltaqgħu dawn il-partijiet. Il-Forum Konsultattiv għandu jkun ikkombinat mal-Forum Konsultattiv imsemmi fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/125/KE.

**▼B**

(2) Fejn xieraq, waqt li qed tħejji atti delegati, il-Kummissjoni għandha tittestja d-disinn u l-kontenut tat-tikketti għal gruppi speċifiċi ta' prodotti ma' gruppi rappreżentattivi tal-konsumaturi tal-Unjoni biex ikun żgurat li t-tikketti jifhemu b'mod ċar.

*Artikolu 15***Pjan ta' ħidma**

Il-Kummissjoni għandha, wara li tkun ikkonsultat mal-Forum Konsultativ imsemmi fl-Artikolu 14, tistabbilixxi pjan ta' ħidma fit-tul li għandu jsir disponibbli għall-pubbliku. Il-pjan ta' ħidma għandu jistabbilixxi lista indikattiva ta' gruppi ta' prodotti li huma kkunsidrati bħala prioritajiet għall-adozzjoni tal-atti delegati. Il-pjan ta' ħidma għandu wkoll jistabbilixxi pjanijet għar-reviżjoni u r-riklassifikazzjoni tat-tikketti għall-gruppi ta' prodotti fkonformità mal-Artikolu 11(4) u (5), bl-eċċeżżjoni tar-riklassifikazzjoni tat-tikketti li kienu fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2017 li għalihom ir-riklassifikazzjoni hija prevista fl-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha taġġgora perijodikament il-pjan ta' ħidma wara konsultazzjoni mal-Forum Konsultativ. Il-pjan ta' ħidma jista' jiġi kkombinat mal-pjan ta' ħidma meħtieġ mill-Artikolu 16 tad-Direttiva 2009/125/KE u għandu jiġi rieżaminat kull tliet snin.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull sena bil-progress li jkun sar fl-implementazzjoni tal-pjan ta' ħidma.

*Artikolu 16***Atti Delegati**

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 17 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti dettaljati relatati ma' tikketti għal gruppi speċifiċi ta' prodotti.

2. L-atti delegati msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw gruppi ta' prodotti li jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

- (a) skont l-aktar ċifri disponibbli reċenti u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-kwantitajiet imqiegħda fis-suq tal-Unjoni, il-grupp tal-prodotti għandu jkollu potenzjal sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija u, meta rilevanti, ta' riżorsi oħra;
- (b) fil-grupp ta' prodotti, mudelli b'funzjonalità ekwivalenti għandhom ivarjaw b'mod sinifikanti fil-livelli ta' prestazzjoni rilevanti;
- (c) m'għandux ikun hemm impatt negattiv sinifikanti fir-rigward tal-affordabbiltà u l-ispiża taċ-ċiklu tal-ħajja tal-grupp ta' prodotti;
- (d) l-introduzzjoni ta' rekwiżiti tat-tikkettar tal-enerġija għal grupp ta' prodotti ma' għandux ikollha impatt negattiv sinifikanti fuq il-funzjonalità tal-prodott waqt li jkun qed jintuża;

**▼B**

3. L-atti delegati relatati ma' gruppi specifichi ta' prodotti għandhom jispeċifikaw, b'mod partikolari:

- (a) id-definizzjoni tal-grupp speċifiku tal-prodotti li jaqa' fid-definizzjoni ta' "prodott relataż mal-enerġija" stabbilita fil-punt 1 tal-Artikolu 2 li għandu jkun kopert mir-rekwiżiti dettal-jati tat-tikkettar;
- (b) id-disinn u l-kontenut tat-tikketta, inkluż skala li turi l-konsum tal-enerġija li tikkonsisti minn A sa G, li kemm jista' jkun għandu jkollha karakteristiċi uniformi fid-disinn għall-gruppi kollha ta' prodotti u fil-każijiet kollha għandha tkun ċara u tinqara. L-istadji minn A sa G tal-klassifikazzjoni għandhom jikkorrispondu mal-iffrankar sinifikanti tal-enerġija u l-ispejjeż u d-differenzazzjoni xierqa tal-prodott mill-perspettiva tal-klijent. Huma għandhom jispeċifikaw ukoll kif l-istadji A-G tal-klassifikazzjoni, u fejn applikabbli l-konsum tal-enerġija, jint-werew fpożżjoni prominenti fuq it-tikketta;
- (c) fejn xieraq, l-użu ta' riżorsi oħra u informazzjoni supplimentari li tikkonċerha l-prodott, u f'dak il-każ it-tikketta għandha tenfasizza l-effiċċenza enerġetika tal-prodott. L-informazzjoni supplimentari għandha tkun mingħajr ambigwità u mingħajr impatt negattiv fuq l-intelliġibbiltà ċara u l-effiċċaċja tat-tikketta b'mod ġenerali għall-klijenti. Hija għandha tkun ibbażata fuq data dwar il-karakteristiċi fizċi tal-prodott li jistgħu jitkejlu u jiġi vverifikati mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq;
- (d) fejn xieraq, l-inklużjoni ta' referenza fit-tikketta li tippermetti lill-klijenti jidher kaw prodotti li huma intelliġenti fl-użu tal-enerġija, jiġifieri, li kapaċi awtomatikament jibdlu u jottimizzaw it-tendenzi tal-konsum tagħhom b'reazzjoni għal stimoli esterni (bħal sinjal minn jew permezz ta' sistema ċentrali ta' ġestjoni tal-enerġija fid-dar, sinjal tal-prezzijiet, sinjal ta' kontroll dirett, kejl lokali) jew kapaċi li joffru servizzi oħra li jżidu l-effiċċenza enerġetika u l-użu ta' enerġija rinnovabbli, bil-ġhan li jitjieb l-impatt ambientali tal-użu tal-enerġija fis-sistema tal-enerġija kollha;
- (e) il-postijiet fejn għandha tiġi esposta t-tikketta, bħal meta titwaħħal mal-unità tal-prodott fejn ma ssirilha l-ebda ħsara, stampata fuq l-imballaġġ, ipprovduva fformat elettroniku jew murija online, b'kont meħud tar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1), u tal-implikazzjonijiet għall-klijenti, il-fornituri u n-negozjanti;
- (f) fejn hu xieraq, jintuża mezz elettroniku għat-tikkettar tal-prodotti;
- (g) il-mod li bih it-tikketta u l-iskeda informativa dwar il-prodott għandhom jiġi pprovduti f'każ ta' bejgħi mill-bogħod;
- (h) il-kontenuti meħtieġa u, fejn xieraq, il-format u dettalji oħra li jikkonċernaw l-iskeda informativa dwar il-prodott u d-dokumentazzjoni teknika, inkluż il-possibbiltà li jiddaħħlu l-parametri tal-iskeda informativa dwar il-prodott fil-bażi tad-data skont l-Artikolu 3(1);

**▼B**

- (i) it-tolleranzi tal-verifiċka li għandhom jintużaw mill-Istati Membri meta jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti;
- (j) kif il-klassi tal-enerġija u l-firxa tal-klassijiet tal-effiċjenza disponibbli fuq it-tikketta għandhom jiġu nklużi fir-reklami viżivi u l-materjal promozzjonali tekniku, inkluż il-leġibbiltà u l-viżibbiltà;
- (k) il-metodi ta' kejl u ta' kalkolu msemmija fl-Artikolu 13, li għandhom jintużaw biex tīgi determinata l-informazzjoni tat-tikketta u tal-iskeda informativa dwar il-prodott, inkluż id-definizzjoni tal-indiċi tal-effiċjenza enerġētika (EEI), jew parametru ekwivalenti;
- (l) jekk, għal apparati akbar, iku nixx meħtieġ livell ogħla ta' effiċjenza enerġētika biex tintlaħaq klassi ta' effiċjenza enerġētika partikolari;
- (m) il-format ta' kwalunkwe referenza addizzjonali fuq it-tikketta li tippermetti lill-klijenti jaċċessaw b'mezzi elettroniċi informazzjoni aktar dettaljata dwar il-prestazzjoni tal-prodott inkluża fl-iskeda informativa dwar il-prodott. Il-format ta' dawk ir-referenzi jistgħu jieħdu l-forma ta' indirizz ta' sit elettroniku, kodiċi dinamiku ta' respons rapidu (kodiċi QR), link fuq tikketti online jew kwalunkwe mezz adatt ieħor orjentat lejn il-konsumatur;
- (n) fejn xieraq, kif għandhom jintwerew fuq l-iskrin interattiv tal-prodott il-klassijiet tal-effiċjenza enerġētika li jiddeskrivu l-konsum tal-enerġija tal-prodott waqt li qed jintuża;
- (o) id-data tal-evalwazzjoni u r-reviżjoni konsegwenti possibbli tal-att delegat;
- (p) fejn xieraq, id-differenzi fir-rendiment tal-enerġija f'diversi reġjuni klimatiċi;
- (q) fir-rigward tar-rekwiżit fl-Artikolu 4(6) li tinżamm informazzjoni fil-parti tal-konformità tal-bażi tad-data, perijodu ta' żamma li jkun inqas minn 15-il sena, fejn xieraq b'rabta mal-ħajja medja tal-prodott.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat separat għal kull grupp speċifiku ta' prodotti. Meta l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar meta għandu jiġi adottat l-att delegat għal grupp speċifiku ta' prodotti, hija m'għandu hiex iddekk id-differenzi. Iddewwem l-adozzjoni tiegħi għal raġunijiet marbuta mal-adozzjoni ta' att delegat ieħor li jirrigwarda grupp speċifiku ieħor ta' prodotti, sakemm ċirkostanzi eċċeżżjonali ma jitħol lu.

5. Il-Kummissjoni għandha żżomm inventarju aġġornat tal-atti delegati kollha rilevanti, kif ukoll tal-miżuri li jfasslu d-Direttiva 2009/125/KE, inkluż ir-referenzi kompluti għall-istandard armonizzati rilevanti kollha.

*Artikolu 17***Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

**▼B**

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 11(4) u (5) u l-Artikolu 16 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' sitt snin mill-1 ta' Awwissu 2017. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' sitt snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiżha awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jogħġeżżjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 11(4) u (5) u l-Artikolu 16 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata fdik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni *f'Il-Ġurnal Uffiċċali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fihi. M'għandhiex taaffetta l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun digħa fis-seħħ.

4. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonal tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. Il-konsultazzjoni tal-experti tal-Istati Membri għandha ssir wara l-konsultazzjoni skont l-Artikolu 14.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 11(4) u (5) u l-Artikolu 16 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix expressa ogħżejjon mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin jogħġeżżjonaw. Dan il-perijodu jista' jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 18***Procédura tal-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat stabbilit bl-Artikolu 19 tad-Direttiva 2009/125/KE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jaapplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 19***Evalwazzjoni u rapport**

Sat-2 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jivvaluta kemm dan ir-Regolament u l-atti delegati u ta' implementazzjoni adottati skont dan ippermettew lill-konsumaturi jagħżlu prodotti aktar effiċċenti b'mod effettiv, b'kont meħud tal-impatti tiegħi fuq in-negożju, il-konsum tal-enerġija, l-emissionijiet ta' gass b'effett ta' serra, l-attivitàjet ta' sorveljanza tas-suq, u l-ispiżza biex tiġi stabbilita u miżumma l-bażi tad-data.

**▼B***Artikolu 20***Tħassir u miżuri transizzjonalni**

1. Id-Direttiva 2010/30/UE hija mħassra b'effett mill-1 ta' Awwissu 2017.
2. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jiġi interpretati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness II.
3. Għall-mudelli li unitajiet tagħhom tqiegħdu fis-suq jew tqiegħdu fis-servizz fkonformità mad-Direttiva 2010/30/UE qabel l-1 ta' Awwissu 2017, il-fornitur għandu, għal perijodu li jintemm ħames snin wara li l-aħħar unità tkun ġiet manifatturata, jagħmel verżjoni elettronika tad-dokumentazzjoni teknika disponibbli għal spezzjoni fi żmien 10 ijiem minn meta jirċievi talba mill-awtoritatjiet tas-sorveljanza tas-suq jew mill-Kummissjoni.
4. L-atti delegati adottati skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2010/30/UE u d-Direttiva 96/60/KE għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġi mħassra b'att delegat adottat skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament li jkɔpri l-grupp ta' prodotti rilvanti.

Obbligi taħt dan ir-Regolament għandhom japplikaw fir-rigward ta' gruppi ta' prodotti koperti b'atti delegati adottati skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2010/30/UE u bid-Direttiva 96/60/KE.

5. Fir-rigward tal-gruppi ta' prodotti digħi koperti b'atti delegati adottati skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2010/30/UE, jew bid-Direttiva 96/60/KE, meta l-Kummissjoni tadotta atti delegati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, il-klassifikazzjoni tal-effiċjenza enerġētika stabbilita bid-Direttiva 2010/30/UE tista', b'deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 16(3) ta' dan ir-Regolament, tkompli tapplika sad-data li fiha l-atti delegati li jintroduċu tikketti riklassifikati skont l-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament isiru applikabbi.

*Artikolu 21***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fir-raba' jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Awwissu 2017.

B'deroga mit-tieni paragrafu, l-Artikolu 4 dwar l-obbligi ta' forniture fir-rigward tal-bażi tad-data tal-prodotti għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

**▼B***ANNESS I*

**INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIDDAĦĦAL FIL-BAŻI TAD-DATA  
TAL-PRODOTTI U KRITERJI FUNZJONALI GĦALL-PARTI  
PUBBLIKA TAL-BAŻI TAD-DATA**

1. Informazzjoni li għandha tiddaħħal fil-parti pubblika tal-bażi tad-data mill-fornitur:
  - (a) l-isem jew it-trademark, l-indirizz, id-dettalji ta' kuntatt u identifikazzjoni legali oħra tal-fornitur;
  - (b) l-identifikatur tal-mudell;
  - (c) it-tikketta f'format elettroniku;
  - (d) il-klassi(jiet) tal-effċjenza enerġetika u parametri oħra tat-tikketta;
  - (e) il-parametri tal-iskeda informattiva dwar il-prodott f'format elettroniku.
2. Informazzjoni li għandha tiddaħħal fil-portal online mill-Kummissjoni:
  - (a) id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri;
  - (b) pjan ta' ħidma skont l-Artikolu 15;
  - (c) il-minuti tal-Forum Konsultativ;
  - (d) inventarju tal-atti delegati u ta' implementazzjoni, il-metodi transizzjonali ta' kejl u ta' kalkolu u l-istards armonizzati applikabbi.
3. L-informazzjoni li għandha tiddaħħal fil-parti tal-konformità tal-bażi tad-data mill-fornitur:
  - (a) l-identifikatur tal-mudell tal-mudelli ekwivalenti kollha li digħà tqiegħdu fis-suq;
  - (b) id-dokumentazzjoni teknika kif spċifikat fl-Artikolu 12(5).

Il-Kummissjoni għandha tiprovo link għas-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS), li tinkludi l-eżitu tal-kontrolli tal-konformità li jsiru mill-Istati Membri u l-miżuri proviżorji adottati.
4. Kriterji funzjonali tal-parti pubblika tal-bażi tad-data tal-prodott:
  - (a) kull mudell ta' prodott għandu jkun jista' jinstab bħala rekord individwali;
  - (b) hija għandha tiġġenera bħala fajl uniku li jista' jinfetaħ, jitniżżeł u jiġi stampat tat-tikketta tal-enerġija għal kull mudell, kif ukoll il-verżjonijiet lingwistiċi tal-iskeda informattiva sħiħa dwar il-prodott, bil-lingwi uffiċċiali kollha tal-Unjoni;
  - (c) l-informazzjoni għandha tkun tista' tinqara mill-magni, tista' titqiegħed f'ordni u tista' titfittex, b'rispett tal-istards miftuħa għal użu minn parti terza, mingħajr ħlas;
  - (d) għandu jiġi stabbilit u miżimum punt ta' assistenza online jew punt ta' kuntatt għall-fornituri, indikat b'mod ċar fuq il-portal.

**▼B***ANNESS II***TABELLA TA' KORRELAZZJONI**

Direttiva 2010/30/UE	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1)	Artikolu 1(1)
Artikolu 1(2)	—
Artikolu 1(3)(a) u (b)	Artikolu 1(2)(a) u (b)
Artikolu 1(3)(c)	—
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 2(a)	Artikolu 2(1)
Artikolu 2(b)	Artikolu 2(2)
Artikolu 2(c)	—
Artikolu 2(d)	—
Artikolu 2(e)	—
Artikolu 2(f)	—
Artikolu 2(g)	Artikolu 2(13)
Artikolu 2(h)	Artikolu 2(14)
Artikolu 2(i)	Artikolu 2(8)
Artikolu 2(j)	Artikolu 2(9)
Artikolu 2(k)	—
Artikolu 3	Artikolu 7
Artikolu 3(1)	Artikolu 7(3)
Artikolu 3(1)(b)	Artikolu 6(c)
Artikolu 3(1)(c)	Artikolu 7(3)
Artikolu 3(1)(d)	Artikolu 8(2)
Artikolu 3(2)	Artikolu 6(b) u Artikolu 9
Artikolu 3(3)	Artikolu 8(1)
Artikolu 3(4)	—
Artikolu 4(a)	Artikolu 5
Artikolu 4(b)	—
Artikolu 4(c)	Artikolu 6(a)
Artikolu 4(d)	Artikolu 6(a)
Artikolu 5	Artikolu 3(1) u Artikolu 6
Artikolu 5(a)	Artikolu 3(1)
Artikolu 5(b), punti (i), (ii), (iii) u (iv)	Artikolu 4(6) u Anness I
Artikolu 5(c)	Artikolu 4(6)
Artikolu 5(d)	Artikolu 3(1)
Artikolu 5(d), it-tieni subparagrafu	Artikolu 3(1)
Artikolu 5(e)	Artikolu 3(1)
Artikolu 5(f)	—
Artikolu 5(g)	Artikolu 3(1)

**▼B**

Direttiva 2010/30/UE	Dan ir-Regolament
Artikolu 5(h)	—
Artikolu 6	Artikolu 5(1) u Artikolu 6
Artikolu 6(a)	Artikolu 5(1)(a)
Artikolu 6(b)	Artikolu 5(1)(a)
Artikolu 7	Artikolu 16(3)(e) u (g)
Artikolu 8(1)	Artikolu 7(1)
Artikolu 8(2)	—
Artikolu 9(3)	Artikolu 7(2)
Artikolu 9(4)	—
Artikolu 10(1)	Artikolu 16
Artikolu 10(1), it-tieni paragrafu	Artikolu 16(2)
Artikolu 10(1), it-tielet paragrafu	—
Artikolu 10(1) ir-raba' paragrafu	Artikolu 16(3)(c)
Artikolu 10(2)(a)	Artikolu 16(2)(a)
Artikolu 10(2)(b)	Artikolu 16(2)(b)
Artikolu 10(2)(c)	—
Artikolu 10(3)(a)	—
Artikolu 10(3)(b)	—
Artikolu 10(3)(c)	Artikolu 14
Artikolu 10(3)(d)	—
Artikolu 10(4)(a)	Artikolu 16(3)(a)
Artikolu 10(4)(b)	Artikolu 16(3)(k)
Artikolu 10(4)(c)	Artikolu 16(3)(h)
Artikolu 10(4)(d)	Artikolu 16(3)(b)
Artikolu 10(4)(d) it-tieni paragrafu	—
Artikolu 10(4)(d), it-tielet paragrafu	Artikolu 16(3)(b)
Artikolu 10(4)(d) ir-raba' paragrafu	Artikolu 11(3)
Artikolu 10(4)(d) il-ħames paragrafu	Artikolu 11
Artikolu 10(4)(e)	Artikolu 16(3)(e)
Artikolu 10(4)(f)	Artikolu 16(3)(h)
Artikolu 10(4)(g)	Artikolu 16(3)(j)
Artikolu 10(4)(h)	Artikolu 11(3)
Artikolu 10(4)(i)	Artikolu 16(3)(i)
Artikolu 10(4)(j)	Artikolu 16(3)(o)
Artikolu 11(1)	Artikolu 17(2)
Artikolu 11(2)	Artikolu 17(5)

**▼B**

Direttiva 2010/30/UE	Dan ir-Regolament
Artikolu 11(3)	Artikolu 17(1)
Artikolu 12(1)	Artikolu 17(3)
Artikolu 12(2)	—
Artikolu 12(3)	Artikolu 17(3)
Artikolu 13	Artikolu 17(6)
Artikolu 14	Artikolu 19
Artikolu 15	Artikolu 7(4)
Artikolu 16	—
Artikolu 17	Artikolu 20
Artikolu 18	Artikolu 21
Artikolu 19	Artikolu 21
Anness I	—
—	Anness I
Anness II	Anness II